MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 173/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Noel Mifsud**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u ghoxrin Lira Maltin u erbgha centezmi (LM1,620.04,0), rapprezentanti ammont minnu dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici in kwantu ghal elf, mija u wiehed u sebghin Lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu, (LM1,171.78,0), fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21252137 (a/c 10047234) in kwantu ghal tlett**

**mija u erbgha u disghin Lira Maltin, u sittax –il centezmu, (LM394.16,0), fuq servizz telefoniku 21323431 (a/c 10114255) u in kwantu ghal erbgha u hamsin Lira Maltin u ghaxar centezmi, (LM54.10,0), fuq servizz telefoniku 21226289 (a/c 40035577) skond kif jirrizulta mill-anness Dok. A, Dok. B, Dok. C u Dok. D, liema servizzi gew installati fil-fond 'Noel' 1, Spurs Street, Valletta, rispettivament u dana kif jirrizulta mill-anness dok. E;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta' l-ittra ufficcjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-31 ta' Mejju tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------